MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 113/2005

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**vs**

**Dr. Anthony Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmi, (LM2,540.81,0), dovuti lill-Awtorita' attrici bhala fees ghal servizzi ta' berthing provdut lilu fuq ordni tieghu stess fil-Yacht Marina, Msida ghall-boat bl-isem "Sundowner", kif jidher mill-invoice ta' l-1 ta' Ottubru tas-sena 2004, (kopja taghha annessa bhala "Dok.**

**A”). L-awtorita’ attrici tannetti wkoll kopji ta’ ittra legali datata l-1 ta’ Novembru tas-sena 2004, (esebita bhala “dok. B”);**

**Bl-ispejjez, kif ukoll l-imghax legali mid-data ta’ l-invoices relattivi sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta’ April tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------